**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Numru: 411 / 2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Spt. Elliot Magro)**

**vs**

**ANTHONY BARBARA**

Illum, 28 ta' Frar, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Anthony Barbara, bin Anthony u Consiglio xebba Desira imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Ottubru, 1971, residenti gewwa 53, Der Vogel, Triq is-Siniskalk, Zejtun u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 455071 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Nhar it-22 ta' Ottubru 2019, fl-inhawi ta' Xrobb l-Ghagin, limiti ta' Marsaxlokk u f' dawn il-Gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar Regolament 4 (1) (a) tal-AL. 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaccja jew ipprova jikkaccja, a jew ipprova jichu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1) (i) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ha jew ipprova jiehu b' xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1) (c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li tagħti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht 1-A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-13 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4 (1) (a) u 18 (1) (e) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, sabet lill-qua imputat Anthony Barbara mhux hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu filwaqt li sabithu hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament ikkundanatu ghall-piena ta' multa ta' elf u hames mitt Ewro (Eur. 1,500) li b' applikazzjoni tal-artikolu 14 (2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b' rati mensili u konsekuttivi ta' Eur. 250 fix-xahar. F' kaz li l-hlas ikun ha jsir b' rati mensili, l-ewwel pagament għandu jsir fi zmien xahar millum, b' dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, ordnat ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir regolamenti tal-2006 dwar

il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Anthony Barbara minnu pprezentat fit-22 ta' Settembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:

a. Tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u konsegwentament, tilliberah minn kull htija u piena.
b. B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci l-multa u /jew tirriduci s-sospensjoni rilevanti ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht il-ligi sussidjarja 549.42 u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.

Rat illi l-aggravji huma s-segwenti;

**L-ewwel Agravvju**

**Apprezzament tal-provi.**

Huwa vera li kif inhu ben rispaut Qorti ta' Appell ma tbiddilx leggerment l-apprezzament li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti pero' l-appellant ihoss li bid-dovut rispett lejn il-Qorti inferjuri meta wiehed ihares lejn l-assjem tal-provi hemm dubbji serji dwar dak li allegatament irrapurtat ix-xhud ewlieni is-Sinjura Fiona Burrows rigwardanti dak li fil-fatt rat allegatament fit- 22 ta' Ottubru 2019.

Is-Sinjura Burrows tghid li rat lill-appellnat fl-inhawi ta' Delimara fid-data tat-22 ta' Ottubru 2019. Dan ix-xhud rat lill-appellant darba biss f' hajjitha u ghal ftit minuti. L-appellant mhux qed jikkontesta li dak fil-filmat hu hu. Pero' li qed jikkontesta huwa li ma jistax ikun li kien hu fid-data li qed tghid ix-xhud Burrows. Dan ghaliex fid-data in kwistjoni hu kien ma jiflahx b' daru jugaw u allura zgur li ma kienx fuq il-mansab. Fuq dan il-punt kardinali l-appellant mhux biss ghamel dikjarazzjoni lill-pulizija meta baghtu ghalih *xuhur wara* izda wkoll xhedha bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.[1] Fl-affidavit ta' PC 541 L. Fava hemm ripportat testwalment is-segwenti:

> ' *Tapprova li dak inti l-istess persuna li tidher fil-filmat?*
> **Iva dak jiena.**
>
> *Tapprova li fit- 22 ta' Ottubru 2019 kont qieghed tonsob fl-ghalqa tieghek?*
> **Le.**
> …………
>
> *Jekk nghidlek li dak in-nhar inti lemhek xi hadd minn naha tat-Triq tas-Silg jigifieri qed nghidu li huwa hafna il-boghod mill-mansab xi tghidli?*

**Ma niftakarx li gara hekk barra minn hekk kif ghadt inti stess, tas-Silg m' hux fejn ghandi l-ghalqa jiena.**'

Biex isahhah l-argumenti u il-versjoni tieghu barra ic-cahda tieghu meta gie interrogat mill-pulizija *a tempo vergine* mhux biss ghazel b' mod volontarju li jiddeponi u jafferma dan quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti izda ipproduca certifikat mediku tat-tabib tax-

---

[1] L-appellant lanqas jikkontesta li kien hemm xi drabi li harab jigri lanqas. Huwa jsotni li lanqas il-lok fejn indikat is-Sinjura Burrows ma kien il-post fejn huwa di solito jonsob.

xoghol fejn jidher li hu kellu xi granet sick leave. Dan ic-certifikat mediku bl-ebda mod ma gie attakkat mill-prosekuzzjoni u lanqas gie skartata mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Fil-**Blackstone' s Criminal Practice** (Main Volume ed. 2022) taht it-titolu '**Medical and Psychiatric Reports**' jinghad:

> *' The medical practitioner who made the report may be required to attend for cross-examination.'* [2]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali f' kaz u cirkostanzi simili diga' esprimew ruhom. Fil-fatt fil-kaz **Il-Pulizija vs Emanuel Muscat** (App. Kri. Nru. 400/13DS) deciz fid-19 ta' Ottubru 2016 per Onorevoli Imhallef David Scicluna intqal is-segwenti:

> *'Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt tac-certifikat mediku esebit mill-appellant. Lanqas ma tista' tinjora l-fatt illi lill-appellant ma sabuhx fuq il-mansab u li gie bil-karrozza tieghu wara telefonata li ghamillu PS 305…..'* .[3]

L-**Archbold Criminal Pleading Evidence and Practice** (edizzjoni tal-2022) taht it-titolu '***Document and Real Evidence***' jistqarr is-segwenti:

> *'provides that a certificate issued by the registrar that a person is registered…. Shall be evidence of the matters certified.'* [4]

---

[2] Pagna 2210- ID 20.70.
[3] Pagna 3 tas-sentenza.
[4] Pagna 1674. Punt 5-98.

Ghaldaqstant, il-kontenut tieghu u valid u ma jistax jigi injorat leggerment kif donna ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti billi tat affidament biss lix-xhud Burrows meta kif ser jinghad aktar l-isfel id-dokument, ossijja ir-rapport taghha huwa fundamentalment difettuz.

Ic-certifikat mediku irid jinqara ukoll fl-imkien mal- investigazzjoni li il-pulizija ghamlu wara ir-rapport ta' Burrows. L-azzjoni **tardiva hafna** tal-agenti tal-pulizija ma hija ta' l-ebda konfort ghall-prosekuzzjoni, anzi tali azzjoni illediet id-dritt tal-appellant ta' difiza xierqa.  Kieku baghtu ghalih dak in-nhar stess jew ftit granet wara allura seta jkun f' pozizzjoni hafna ahjar biex jipprova fejn kien fil-hin u id-data li allegatament kien qed jonsob. Jidher li l-informazzjoni li kellha ghad-disposizzjoni taghha is-Sinjura Burrows mill-ewwel ghaddietha lill-pulizija li bid-dovut rispetto ma' kienux tempestivi xejn fl-investigazzjonijiet taghhom.

Il-gustizzja ma tistax tistrieh fuq it-tkaxkir tas-saqajn tal-awtoritajiet, li baghtu ghas-suspettat xhur wara u addirittura bdew il-proceduri kontrih aktar minn sena wara l-akkadut. Issa huwa ben risaput li l-Awtoritajiet iridu jkunu dejjem pronti biex jivestigaw l-ilment minghajr l-ebda tkaxkir tas-saqajn u jiehdu dawk l-azzjonijiet necessarji kif jidhrilhom huma. Din il-Qorti ta' l-Appell Kriminal stess qalet fil-**Puliziia vs Francis Briffa**:

> *'Huwa tassew kundannabli li il-prosekuzzjoni tohrog akkuzi fi Frar 2020 meta l-allegat reti gew kommessi f' Ottubru 2018 u tistenna sa Jannar 2021 biex tinnotifika lill-akkuzat*

*appelat bl-akkuzi dwar allegat reati li sehhew f' Ottubru 2018. Dan hu certament abbuz tas-sistema'* [5].

L-appellant irid ifakkar li dawn huma reat ta' natura sommarja u li huwa facilment investigati fi ftit tas-sieghat jekk ikun hemm il-volonta' tal-awtoritajiet li jistabilixxu il-fatti. Dan ma sarx u hu potenzjalment ukoll ghad-detriment tad-difiza tal-appellant. Recentement din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali reghet irribaghdiet fis-sentenza il-**Pulizija vs Carl Busuttil** (App. Krim.26/2022) per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera li:

*'Oltre minn hekk din il-Qorti ma tistax ma tikritikax id-dewmien sabiex il-pulizija jibaghtu ghall-allegat imputat f' dawn it-tip ta' kazijiet. Il-fatt illi xhieda mportanti ma jigux imressqa sabiex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti bhal per ezempju r-rapprezentata ta' Transport Malta sabiex jikkonferma jekk ir-registrazzjoni tal-vettura msemmija tajjatx lill-appellant u l-volontiera tal-CABS bl-ismijiet ta' Patricia u Chris. Huwa minnu li dawn huma proceduri sommarji, madankollu l-pulizija ghandhom ikunu preparati u mhux iserrhu principarjament fuq r-rapporti kompilati mill-CABS. Din il-Qorti tfakkar illi l-prosekuzzjoni trid iggib il-quddiem l-ahjar prova u l-appellant m' hu obbligat iressaq l-ebda prova da parti tieghu'* [6]

L-appellant jemmen bi shih li l-investigazzjonjiet tal-pulizija ma' sarux sewwa u b' dik is-serjeta' necessarja u allura l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tarahom b' dik l-ottika. L-appellant ma nstabx fuq il-post fejn l-allegat attivita' illegali kienet qed issir u f' dik il-guranata jew fil-granet ta' wara ma ssokktawx l-investigazzjonijiet taghhom.

[5] Qorti ta' l-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera App. Nru. 29/2021 deciza fit-18 ta' Mejju 2021.

[6] Pagna 21-22.

Mhux hekk biss imma ir-rapport tas-Sinjura Burrows prezentata in atti **ma ghandu l-ebda data fil-parti dispozittiva tieghu**. Issa kif inhu ben risaput is-Sinjura Burrows tahdem f' dan ix-xoghol *a tempo pieno*, taghmel mijiet ta' osservazzjonjiet fuq dan is-settur kull sena u tirraporta ghexieren ta' illegalitajiet li jsiru fil-ftit kampanja li ghad fadal f' dawn il-gzejjer. Dunque' hu possibbli li hija hawdet jew ahjar hadet zball fil-gurnata meta hija qed tallega li rat lill-imputat fil-kampanja[7]. Jidher ukoll li fl-investigazzjonijiet sussegwenti, il-pulizija qadu **kompletament** fuq ir-rapport u il-filmat ta' Burrows u allura jekk din zgwidathom bi svista, fil-granet sussegwenti, allura ic-certifikat mediku kif ukoll l-istqarrijiet tal-imputat johoqu dubbju akbar fuq jekk fil-fatt kienx fuq il-lok fid-data li qed tallega hija. **Irid wiehed ukoll jghid li l-filamt ezebit in att mis-Sinjura Burrows la ghandu data u lanqas hin u wisq anqas jindika il-lok!**

Biex ikomplu jikkumplikaw l-affarijiet ghall-prosekuzzjoni x-xhieda principali elenkati fir-rapport tas-Sinjura Fiona Burrows certu wiehed Danny (Lake) li skond ix-xhieda taghha kien maghha josserva l-attivita' f' Delimara allegatament nhar it- 22 ta' Ottubru 2019 ma telghax jixhed f' dawn il-proceduri.[8] Lanqas ma telgha jixhed il-kollega taghhom, ukoll imsemmi fir-rapport, certu wiehed Ben (Morris) , li skond l-istess xhud Burrows ra lill-appellant diehel fil-vettura FAF 302.

Lanqas ma telgha jixhed sid il-vettura FAF 302 biex jikkonferma x' gara f' dik il-guranata u ghand min kienet dik il-vettura fl-allegat guranata tat- 22 ta' Ottubru 2022 il-vettura tieghu. Lanqas biss nafu fil-fatt ta' min kienet dik il-vettura fit- 22 ta' Ottubru 2022 ghax lanqas prova u xhieda tal-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta ma hemm fil-process. Barra minn dan jidher car daqs il-kristall li fl-inhawi fejn qed tghid li kienet is-sinjura Burrows f' Delimara kien hemm aktar minn persuna wahda fl-ghelieqi ghax hija stress indikat

---

[7] Biex inkunu korretti mal-veriita' irid jinghad li fl-ewwel faccata tar-rapport hemm imnizzel Case Ref: Cabs_trap_22.10.19. Dan pero' ma jnehhi xejn mis-sottomissjoni dwar il-korrettezza tar-rapport u id-data li qed tigi kkontestata bil-qawwa mill-appellant.
[8] Dok FB 1.

diversi vetturi. Fil-fatt fir-rapport taghha hija identifikat, u irrapurat lill-pulizija xejn anqas minn disa' vetturi.

In-nuqqas tax-xhieda li kienu mas-Sinjura Burrows kif ukoll in-nuqqas ta' xhieda dwar min kien sid il-vettura u in-nuqas tal-pulizija li jistbilixxu x' rwol dan kellu, jekk ma kienitx il-vettura tal-imputat, ikomplu idghajjfu serjament il-pozizzjoni tal-prosekuzzjoni li trid tipprova li l-imputat kien hemm ' l hinn minn dubbju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstat, umilment l-appellant jissottometti li kellu jigi liberat mill-akkuzi fin-nuqqas tal-elementi kif esposti aktar ' l fuq.

**It-Tieni Aggravju**

**Dan l-aggravju hu referibilment ghall-akkuzi numru wiehed (1) u tlieta (3)** u huma minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju.

L-appellant qed jigi akkuzat li huwa kein qed jionsob waqt stagun maghluq.

L-ewwel akkzat tghid testwalment:

> ' ….*waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar…….'*

Filwaqt li l-artikolu 18 (1) (c ) li ghalih taghmel referenza il-prosekuzzjoni fit-tielet akkuza jaqra testwalemnt is-segwenti:

> *'waqt l-istagun maghluq ghat-tehid ta' ghasafar kif jista' jigi permess skond dawn ir-regolamenti, tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur;'*

L-appellant permezz ta' dan l-aggrravju qieghed isostni li l-Qorti ma kienitx fattwalment u legalment korretta meta stabet htija taht dawn iz-zewg imputazzjonijiet minhabba il-

fatt li l-istagun ma kienx maghluq ghat-tehid tal-ghasafar. Irid jinghad, kif ser jigi sottomess b' aktar dettall fit-tielet aggravvju li l-ahjar prova ta' x' kienu l-ghasafar fil-gabbejjetti qatt ma saret u lanqas bis setghet issir ladarbar l-ghasafar ma gewx elevati u/jew identifikati minn-nies kompetenti bhad-WBRU. Ikompli jinghad li skond l-Legislazzjoni Sussidjarja 549.132 l-istagun ghall-malvizz kien miftuh bejn l-20 ta' Ottubru u il-31 ta' Dicembru 2019, duque fit-22 ta' Ottubru 2019, id-data tal-akkuza l-istagun ghat-tehid tal-ghasafar kien miftuh.[9]

Dan stabilit l-istess legislazzjoni sussidjarja ma hemm xejn fiha li jghidlek li meta tmur tonsob ghall-malvizz wiehed ma jistghax jiehu mieghu fuq il-mansab xi tip ta' ghasafar ohra![10] Dan il-legislatur ma jghidux fil-legislazzjoni sussidjarja 549.132 li kienet tirregola dik l-attivita' u ladarba ma hiex miktub fil-ligi allura mhux lecitu li l-Qorti tassumieh u tiddecidi fuqu.

Ghaldaqstant l-appellant umilment jissottometti li huwa kellu jigi liberat mill-akkuza numru wiehed (1) u tlieta (3) ghar-ragunijiet hawn fuq esposti.

**It-Tielet aggravju.**

**Uzu ta' ghasfur protett bhala lixka u dan referibbilment ghal-akkuza numru tnejn (2).**

Minghajr pregudizzju ghal dak sottomess fl-aggravji l-ohra ghandu jirrizulta mill-affidavit tal-ufficjal tal-pulizija, kif ukoll mix-xhieda tas-Sinjura Burrows, li ma ingiebet l-ebda prova li l-ghasafar li rat hija, prezunibilment bhala lixka, fuq il-post ma kienux ' *closed ringed' , u allura protetti*. Ta' min jirrileva li l-ghasafar tal-ghana, u hawnhekk jidher car daqs il-kristall li l-ebda wiehed mill-ufficcjali tal-pulzija ma identifikhom bl-ispeci taghhom u hemm diversi speci ta' ghasafar tal-ghana. Huma jkunu biss illegali jekk ma

[9] A.L. 270/2019.
[10] Artikolu 5 (a) isemmi x' inhu permess.

jkunux '*captive bred*' u '*closed ringed*' kif definiti mill-istess artikolu 2 tal-imsemmija L.S. 549.42. Din il-prova hija kompletament nieqsa.

Fil-kawza recenti il-**Pulizija vs Francis Abela** (App. Nru. 29/2022) deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Mejju 2022 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera intqal is-segwenti:

> *'Fil-kaz odjern jidher bic-car, kemm mir-ritratti u kemm mill-filmat esebit, li kien hemm xi ghasafar fil-gabjetti. Burrows fir-rapport taghha tirreferi ghalihom bhala finches. Ghalkemm huwa minnu illi taht il-Legislazzjoni Sussidjarja numru 549.42 u li ggib l-isem Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, hemm finches li huma protetti, il-Qorti ma jidhriliex li gie ppruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni li l-ghasafar li kien hemm fil-gabjetti huma fil-fatt ghasafar protetti. Il-filmat, kif ukoll ir-ritratti ma jurux bic-car it-tip ta' ghasafar li kien hemm fil-gabjetti. Oltre minn hekk, il-pulizija ma marrux fuq il-post u PC 789 fl-affidavit tieghu jghid biss illi l-appellant kien qed jionsob ghall-ghasafar tal-ghana. Dan kollu maghdud, din il-Qorti ma jidrilhiex illi din l-akkuza tista' tissusisti u ghalhekk qeghda tilqa' it-tieni aggravju tal-appellant.'*

L-istess ghandu jinghad ghal kaz in ezami. Ukoll jekk kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni ir-ritratti ezebiti mill-pulizija, ghalkemm jista' jinghad li kien hemm xi gabjetti, l-kontenut ta' tali kaxxi/gabjetti ma jirrizultax. L-ebda wahda ma turi bic-car l-ghasafar u jekk dawn kienux bic-crieket f' saqajhom jew le. Lanqas saret il-prova, kif gia' inghad dwar l-ghasafar fihom infushom, ghax kemm l-ufficjal tal-pulizija kif ukoll is-Sinjura Burrows ghazlu li jirriferu ghalihom b' terminologija generika, '*ghasafar tal-ghana*' *jew song birds*, li barra li ma issib l-ebda riferenza fil-ligi sussidjarja 549.42, lanqas saret prova taghhom kif titlob il-ligi. Li hu zgur hu li hemm diversi tipi ta' ghasafar tal-ghana u li dawn ma jigux rikonnoxxuti minn-nies ta' triq (*common lay persons*) u li l-anqas l-imharrek tad-WBRU ma intalab jew tal-anqas gie muri dawn l-ghasafar jew ritratti

taghhom biex tikkonferma jew le x' tip ta' ghasafar huma, jekk kellhomx curkett jew le u b' konsegwenza jekk kienux protetti jew le.[11]

Ghaldaqstat, umilment l-appellant jissottometti li kellu jigi liberat mit-tieni akkuza.

**Ir-Raba' Aggravju**

Bla pregudizzju ghal dak diga' sottomess fl-aggravi l-ohra ghandu jinghad f' dak li jirrigwarda piena, l-appellant ma giex akkuzat li hu recediv u ghandu fedina penali kwazi netta. Wiehed irid ukoll jikkunsidera li ghalkemm din hija procedura sommarja l-akkuzi jmorru lura ghal Ottubru 2019, jigifieri tlett snin ilu. Fil-verita' l-iskop tal-piena mhux wahda ta' tpattija[12] u ghalhekk il-legislatur peres li huwa delizzju jhalli fid-diskrezzjoni wisa' tal-gudikant li jaghti piena pekunjarja mill Ewro 500 sa Ewro 5,000.

Ghaldaqstant huwa jemmen li l-piena ta' Ewro 1,500 kienet wisq oneruza ladarba huwa kellu licenzja tal-insib kif xehed l-ufficcjal tad-WBRU u kif intqal fit-trattazzjoni tal-appell l-istagun mhux minnu li kien maghluq ghat-tehid tal-ghasafar.

Salv aggravji ohra permessi bil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

---

[11] Ara f' ukoll is-sentenza P vs Joseph Darmanin App. Kriminali 332/2011 deciza fid-9 ta' Lulju 2012 mill-Imhallef Lawrence Quintano fuq l-identifikazzjoni tal-ghasafar.
[12] Ara f' dan is-sens Il-Pulizija vs Maria Bondin et deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-25 ta' Marzu 2019 as per Magistrat Dottoressa M. Frendo Dimech.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ghalhekk ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u ragonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet ghamlet. Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[13] '

> *'hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni* (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[14]" [12.5.94]; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[15]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[16]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[17]" [31.5.1991] u ohrajn.)

---

[13] Deciza 31 ta Lulju 2008. Appell Numru 141/2008.
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.

[16] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn Lord chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[18]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[19]

Jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun ghamlet xogholha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza taghha, dimend li ma jkunx hemm raguni valida. L-appellant jista' ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt,**[20] inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li* ***tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif***

---

[18] 1969] 1 QB 276.
[19] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392.
[20] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta Dicembru,1994.

***normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezza**ment. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Din il-Qorti ma tkunx semghet ix-xhieda hi kif tkun semghathom l-Ewwel Qorti, u ghaldaqstant din tal-ahhar ikollha vantagg peress li tkun semghet ix-xhieda u rat il-komportament taghhom meta dawn xhedu. Ghaldaqstant, din il-Qorti tista' ma taqbilx mal-Ewwel Qorti, izda jekk din setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni din ma tistax taqbad u tbiddilha. Izda, din il-Qorti taghmel ezami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha quddiemha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Huwa principju fundamentali tal-process penali li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[21] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

[21] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[22]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat

---

[22] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[23] *"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".* Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[24] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [25] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

---

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[24] 1997 Edition Para 10-3.
[25] 1952.

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[26]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[27] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

---

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

[27] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[28] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem l-Ewwel Qorti.

**PC 541 L.Fava**[29] xehed permezz t'affidavit u qal li waqt li kienu fuq ronda nhar it-22 t' Ottubru, 2019, hu flimkien ma PC 1568 ghal habta ta' 12.00hrs rcevew telefonata fejn Fiona Burrows ghan-nom tal-CABS kienet infurmathom illi f' Dellimara kienet qed issir attivita' t'insib illegali. Hu flimkien ma PC 1568 marru f'dawk l-inhawi u raw persuna maskili jaghmlilhom sinjal. Dan il-persuna identifika ruhu bhala Ben Morris bhala rapprezentant tal-CABS. Hu qalilhom li iktar il-quddiem Burrows kienet ser turihom fejn qieghed il-mansab. Huma baqu' mexjin fid-direzzjoni li taghhom Morris izda ma sabu xejn u x'hin wasslu hdejn il-fortizza ta' Delimara ddecideew li jergghu lura. Regghu ltaqghu ma Morris u dan qalilhom li kien taghhom direzzjoni hazina u li kellhom iduru

[28] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono
[29] Fol. 15 tal-process.

fuq l-ewwel xellug biex jiltaqghu ma Burrows. Huma marru f'din id-direzzjoni u ltaqghu ma Burrows u Danny Lake fejn dawn gwidawhom ghas-sit fejn kien qed jintuza ghall-insib. Kif hu flimkien ma PC 1568 marru fuq is-sit, ma sabu lil hadd fuq il-post u s-sit kien abbandunat. Burrows u Danny qalulhom li kien qieghed gewwa kamra li tinsab fl-istess ghalqa, imma wara tfittxija gewwa l-istess kamra din irrizulta li kienet vojta minghajr ebda ghodda u ghasafar kif kienu allegaw Fiona u Danny. Huma komplew billi ghamlu xi spezzjonijiet fl-ghelieqi u mnasab ohrajn izda dan kollu rrizulta fin-negattiv. Fiona qaltilhom li kellha filmat u li kienet ser tibghatu l-ufficju. Gie nnutat mill-filmati li gew mghoddija minn Burrows u minn tfittxija tal-vetturi tal-madwar, li s-sid ta' vettura minnhom kien l-istess persuna li jidher qed jonsob fil-filmat. Il-vettura kienet mutur Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CBT727 li jghajjat lill-Anthony Barbara, l-appellant. Nhar il-31 ta' Jannar, 2020, Barbara ittihidlu statement minnu u minn SM 1181 fejn l-appellant inghata d-dritt tal-avukat u dan irrifjuta. L-appellant ikkonferma li ghandu licenzja tal-insib izda li m'ghandux dergoga ta'2019. Hu kkonferma li hu l-istess persuna li deher fuq il-filmat. Hu meta mistoqsi jekk japprovax li fit-22 t' Ottubru 2019 kienx qieghed jonsob fl-ghalqa tieghu, hu wiegeb li le. L-appellant spjega illi ma setax jikkonferma dik id-data. L-appellant spjega illi gieli kien hemm imma mhux cert mill-gurnata. Mistoqsi jekk dakinhar hu harabx jigri, hu jghid li ma jiftakarx li harab jigri izda zied jghid li fi zmien kien hemm xi drabi li harab jigri. L-appellant spjega li ma jiftakarx li lemhu xi hadd dakinhar u barra minn hekk tas-Silg m'hux il-fejn ghandu l-ghalqa.

**<u>PC 1568 M. Falzon</u>**[30] xehed ukoll permezz t'affidavit fejn spjega illi nhar it-22 t' Ottubru 2019 waqt li kien xoghol ma PC 541 ircivew telefonata ghal habta ta' 12.00 hrs fejn il-*control room* ghaddewlhom il-linja ma certu Fiona Burrows mill-CABS fejn din kienet qaltilhom illi fl-inhawi ta' xrobb l-ghagin Delimara kien qieghed isir xi nsib illegali ghall-ghasafar tal-ghana. Ghall-habta ta' 12.30hrs meta waslu Delimara fil-bidu ta' triq iltaqghu ma Ben Morris tal-CABS fejn kien taghhom direzzjoni zbaljata ta' fejn kienet Burrows qed

[30] Fol. 19et seq tal-process.

tigbed il-filmat tal-imsemmi nassab jonsob. Iktar tard iltaqghu ma Burrows u din spjegatilhom fejn kien il-mansab izda kienet qaltilhom li n-nassab kien telaq minn fuq il-post. Fuq il-mansab u fid-dura ma nstab xejn relatat mal-insib. Gew iccekjati mnasab ohrajn fl-inhawi fejn kienu gharmati ghall-imlivezz. In-nassaba li nstabu fil-madwar gew mistoqsija kienux jaghafu ta' min hu il-mansab mertu ta' dawn il-proceduri, izda dawn wiegbu li ma kienux jaghfu li kien hemm xi had qed jonsob ghall-ghasafar tal-ghana u lanqas ta' min kien dan il-mansab. Meta hargu mill-ghalqa Burrows qaltilhom li kienet ser tibghat il-filmat lill-Ispettur tal-ALE tan-nassab jonsob, kif ukoll in-numru tal-vettura li l-appellant kien rikeb fiha sabiex harab minn fuq il-post.

Skond il-verbal data l-1 ta' Gunju, 2022, dakinhar xehed bil-gurament Thomas Borg, izda sfortunatament ix-xhieda tieghu mhux esebita in atti. Din il-Qorti fil-verbal datat l-24 ta' Jannar, 2023 irrilevat illi x-xhieda moghtija fl-1 ta' Gunju u 3' Awwissu, quddiem il-Qorti tal-Magistrati ma kienux inseriti fl-atti u ghalhekk ordnat ir-Registratur tal-Qorti sabiex din ix-xhieda tigi inserita fl-atti. Filwaqt li x-xhieda ta' Fiona Burrows u l-appellant giet inserita, sfortunatament ix-xhieda ta' Thomas Borg baqghet qatt ma giet inserita.

**Fiona Burrows** xehedet bil-lingwa Ingliza nhar l-1 ta' Gunju, 2022 quddiem l-Ewwel Qorti fejn spjegat illi kienet qedgha tixhed ghan-nom tal-*Committee Against Bird Slaughter*. Hija xehedet illi nhar it-22 t' Ottubru, 2019 hi flimkien ma zewg voluntiera kienu fl-inhawi ta' Dellimara ifittxu siti ta' nsib illegali. Fil-Harifa, *finch trapping* ma kienx permess u xil-hdax hi u voluntier iehor imxew lejn sit fejn kienu raw xi xbieki l-gurnata ta' qabel. Il-volutiera l-ohra qaghdu fil-karozza fit-triq principali. X'hin avvicinaw dan is-sit, setghu jisimghu l-*finches* u kienu vicin bizejjed fejn raw *finch decoys* u xbieki fuq is-sit. Kien hemm xi hadd fid-dura u meta rahom dan beda johrog mid-dura u libes gekketta *camouflage*. Hi gibdet video bhala evidenza, imbghad kompliet mixja lura lejn it-triq principali. Hi imbghad cemplet il-pulizija sabiex taghmel rapport dwar dan. Filwaqt li kienu qed jistennew lill-pulizija, xi tletin (30) minuta wara, hija setghet tinnota l-istess ragel jigbor ix-xbieki u ftit minuti wara sparixxa. X'hin gew il-pulzija u marru fuq il-post,

la sabu xbieki u anqas *caged decoys*.

Il-voluntier li kien mal-karozza cemplilhom xi ghaxar minuti wara jinfurmahom illi kien ra lill-appellant jigi migbur minn karozza u jitlaq minn fuq il-post. Hija gharfet lil-appellant quddiem l-Ewwel Qorti u esebiet rapport immarkat bhala Doc. FB1 u *footage* immarkat bhala Doc. FB.

**L-appellant Anthony Barbara** xehed quddiem l-Ewwel Qorti nhar it-3 t' Awwissu, 2022. Mistoqsi kienx qieghed jonsob dakinhar tat-22 t' Ottubru, 2019 hu wiegeb li ma setax ikun dan ghaliex dakinhar kien marid. Hu esebixxa certifikat mediku li kien ghamilulu t-tabib tax-xoghol. Hu ikkonferma li t-tabib tax-xoghol kien mar hu d-dar tieghu. Hu jghid li dakinhar kien mar it-tabib u spjega li jigi ta' spiss it-tabib u ghalhekk ma jissograx johrog meta jkun ma jiflahx. Mistoqsi x'jahdem , hu wiegeb li kien *foreman* il-Public Works. Hu sostna illi ammetta mal-pulizija li hu kien fir-ritratt immarkat bhala Doc FB1. Qal ukoll illi gieli rriskja naqra u harab, izda dakinhar zgur ma kienx hu u li kien b'*sick*. Mistoqsi jekk kienx jaf min hu l-persuna tar-ritratt hu qal li meta baghtu ghalih erba' xhur wara, quddiem il-Maggur kien qalilhom li jidher li kien hu fir-ritratt, izda mhux dakinhar tat-22 t' Ottubru, 2019.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti fliet l-evidenza u l-atti processwali kollha. Kif gieli ppronunciet ruhha f'sentenzi simili, din il-Qorti ma tistax ma tikritikax primarjament id-dewmien *da parte* l-prosekuzzjoni sabiex tinvestiga dawn it-tip ta' kazijiet u sekondarjament l-evidenza mressqa quddiem il-Qrati. Din il-Qorti tifhem illi dawn il-kazijiet huma abbundanti u bhala procedura hija dik sommarja. Madankollu, il-prosekuzzjoni ma ghandhomx jistriehu biss fuq ir-rapport u l-filmati kompilati mill-CABS. L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu ghamel referenza ghall-sentenzi ohrajn ta' din il-Qorti hekk kif ippreseduta fejn din l-istess Qorti enfasizzat l-istess affarijiet. Huwa minnu li r-rapporti kompilati mill-CABS ikunu dettaljati, madankollu, ma jfissirx li evidenza ohra mhux importanti u

dan meta l-prosekuzzjoni mistennija ggib il-quddiem l-aqwa prova, li ma thalli l-ebda dubbju dettat mir-raguni.

Fil-kaz odjern, l-appellant qieghed jghid li f'dik il-gurnata u cioe', nhar it-22 t' Ottubru, 2019, huwa kien jinsab ma jiflahx u prova ta'dan huwa gab certifikat mediku. L-uniku xhud li xehedet quddiem l-Ewwel Qorti u qalet li rat lill-appellant dakinhar, kienet ix-xhud Fiona Burrows. Ir-rapport ta' din tal-ahhar fis-sustanza tieghu ma jaghmilx referenza partikolari ghad-data msemmija. Fl-istess rapport issemmew il-voluntiera bl-ismijiet Ben Morris u Danny Lake li sfortunatament ma ngabux sabiex jixhdu quddiem l-Ewwel Qorti. Anqas ma ngab sabiex jixhed rapprezentant ta' Transport Malta sabiex jixhed dwar in-numri tar-registrazzjoni u cioe' tal-vettura CBT727 li kienet allegatament tal-appellant u l-vettura FAF302 li allegatament gabret lill-appellant minn fuq il-post. Ghalhekk ma giex verifikat lil min kienu jappartjenu dawn il-vetturi meta sar dan l-allegat reat. Oltre minn hekk, kif diga gie ritenuto *supra*, ix-xhieda ta' Thomas Borg, rapprezentant tal-Wild Birds Regulations Unit (WBRU), mhux esebita fl-atti. Kemm fil-*Current Incident Report*, kif ukoll fir-rapport ta' Burrows immarkat bhala Doc FB1, jisemma PC 47 madankollu il-kollegi tieghu PC 541 u PC 1568 ma jsemmuh imkien u lanqas ma ngieb sabiex jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti. SM 1181 Eugenio Caruana iffirma l il-*waiver* flimkien ma PC 541 fejn l-appellant irrinunzja ghad-drittijiet legali tieghu. Madankollu la gie pprezentat affidavit u lanqas ingieb sabiex jiddeponi quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jikkonferma dan.

Din il-Qorti tghid illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u fil-kamp penali kwalunkwe dubbju jimmerita favur l-appellant. Minkejja li l-appellant ma nnegax illi l-persuna li hemm fil-filmat u/jew ritratti, huwa hu, din il-Qorti m'ghandiex provi bizejjed sabiex tikkonkludi illi dan kien l-appellant nhar it-22 t' Ottubru, 2019 u cioe' matul stagun maghluq.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni

tat-tieni, tielet u raba' aggravji mressqa mill-appellant, tilqa' l-ewwel aggravju tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**